Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2408

16.9.2024

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2408

**tat-13 ta’ Settembru 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/1586 fir-rigward tal-istandards armonizzati għall-imwejjed li jgħollu, għall-gafef, għall-krejnijiet u għall-bibien li joperaw bl-elettriku u jintużaw minn nies**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

(1) F’konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42/KE, il-makkinarju manifatturat f’konformità mal-istandards armonizzati, jew ma’ partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I ta’ dik id-Direttiva koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Permezz tal-ittra M/396 tad-19 ta’ Diċembru 2006, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) (“it-Talba”) għall-abbozzar, għar-reviżjoni u għat-tlestija tal-ħidma fuq l-istandards armonizzati b’appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE biex jitqiesu l-bidliet introdotti b’dik id-Direttiva meta mqabbel mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) Abbażi tat-Talba, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1586 ([4]): EN 1570-1:2011+A1:2014, u EN 13557:2003+A2:2008. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati riveduti li ġejjin: EN 1570-1:2024 u EN 13557:2024.

(4) Barra minn hekk, abbażi tat-Talba, is-CEN emenda l-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1586: EN ISO 3164:2013 u EN 16005:2012 u l-korrezzjoni tiegħu EN 16005:2012/AC:2015. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat emendatorju EN ISO 3164:2013/A1:2024 u tal-istandard armonizzat konsolidat EN 16005:2023+A1:2024.

(5) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati jikkonformawx mat-Talba.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.
([2]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/42/oj.
([3]) Id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/37/oj).
([4]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1586 tas-26 ta’ Lulju 2023 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b’appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 2.8.2023, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/1586/oj).

(6) L-istandards armonizzati li ġejjin jissodisfaw l-objettivi tas-sikurezza li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2006/42/KE: EN 1570-1:2024, EN ISO 3164:2013 u l-emenda tiegħu EN ISO 3164:2013/A1:2024, EN 13557:2024 u EN 16005:2023+A1:2024. Għalhekk jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards u l-emendi tagħhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1586 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jagħtu preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2006/42/KE. Biex ikun żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE jkunu elenkati kollha f'att wieħed, ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 1570-1:2024, EN ISO 3164:2013 u l-emenda tiegħu EN ISO 3164:2013/A1:2024, EN 13557:2024 u EN 16005:2023+A1:2024, jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(8) Jeħtieġ jiġu rtirati r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 1570-1:2011+A1:2014, EN ISO 3164:2013, EN 13557:2003+A2:2008 u EN 16005:2012 bil-korrezzjoni tiegħu EN 16005:2012/AC:2015, minħabba li dawn ġew riveduti jew emendati, minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jixraq li dawk ir-referenzi jitħassru mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1586.

(9) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-makkinarju tagħhom li huwa kopert bl-istandard armonizzati EN 1570-1:2011+A1:2014, EN ISO 3164:2013, EN 13557:2003+A2:2008 jew EN 16005:2012 bil-korrezzjoni tiegħu EN 16005:2012/AC:2015, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati jiġi differit.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1586 tiġi emendata kif xieraq.

(11) Il-konformità ma' standard armonizzat tagħti preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1586 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Anness għandu japplika mis-16 ta' Marzu 2026.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Fil-Parti Tlieta tal-Anness I għad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/1586, il-punt 2 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru r-ringieli 132, 182, 423 u 514;

(2) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f’ordni sekwenzjali:

| | |
|---|---|
| “132a. | EN 1570-1:2024<br><br>Rekwiżiti tas-sikurezza għal imwejjed li jgħollu — Parti 1: Imwejjed li jgħollu li jservu sa żewġ landings fissi”; |
| “182a. | EN ISO 3164:2013<br><br>Gafef — Evalwazzjonijiet tal-laboratorju ta’ strutturi protettivi — Speċifikazzjonijiet għall-volum ta’ limitazzjoni ta’ liwi (ISO 3164:2013)<br><br>EN ISO 3164:2013/A1:2024”; |
| “423a. | EN 13557:2024<br><br>Krejnijiet — Apparati ta’ kontroll u stazzjonijiet ta’ kontroll”; |
| “514a. | EN 16005:2023+A1:2024<br><br>Bibien li joperaw bl-elettriku u jintużaw minn nies — Sikurezza tal-użu — Rekwiżiti u metodi tal-ittestjar”. |